# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2002**

**Numru 3**

**Avviz.  numru 1329/98mm**

**Patrick David Pullicino**

**vs**

**Frank Jenkins**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-3 ta' Lulju 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma minnu dovuta ta' erba mitt lira maltija (Lm400.00) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti appalt konsistenti f'xoghol ta' njam minnu ezegwit fil-plot 171 Triq l-Imsagar, Attard, fuq istruzzjonijiet tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri interpellatorji tat-23 ta' Jannar 1998 u tal-25 ta' April 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba ta' l-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas mill-attur ma giex esegwit skond is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru,1998 fejn innominat lil Gaston Mifsud bhala tekniku biex jirrelata dwar it-talbiet ta' l-attur wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat illi t-tekniku pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-24 t'April 2001 u halfu fit-12 ta' Novembru 2001.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut kien qabbad lill-attur jaghmillu xoghol ta' l-injam fil-fond tieghu Plot 171, Triq l-Imsagar, H'Attard. Dan ix-xoghol gie esegwit izda l-konvenut ilmenta dwar xi difetti u li minhabba f'hekk zamm parti mill-pagament illi kien dovut lill-attur. Meta l-partijiet ma waslux fi ftehim, l-attur istitwixxa din il-kawza sabiex jiehu dan il-bilanc minghand il-konvenut.

It-Tekniku innominat mill-Qorti acceda fil-fond u ra dawn l-ilmenti li qieghdin elenkati fl-ewwel parti tar-relazzjoni tieghu

L-ilmenti principali tal-konvenut huma s-segwenti:

1. ilma diehel minn kullimkien, cioe' mill-aperturi u jcarcar mal-art.
2. tidlik tas- *sealer* mal-hgieg
3. lostru fuq barra goff u mhux irfinut bhal fuq gewwa
4. tieqa minnhom b'zewg panewiet aktar cari
5. it-tieqa ta' l-intrata ghandha l-paranti mhux indaqs
6. l-bibien saritilhom bastun barrani minhabba s-serraturi u li l-konvenut ma setghax jaghmel il-handle li xtaq hu

Minn dawn is-sitt ilmenti t-tekniku Gaston Mifsud wasal ghal konkluzzjoni illi l-unika wahda gustifikata kienet il-hames wahda. Il-Qorti taghmel pjena referenza ghar-relazzjoni tieghu u ghar-ragunijiet u l-argumenti minnu migjuba. Peress illi dina hija xi haga teknika u peress illi ma rrizultawx provi ohra li biha l-Qorti tista tbiddel il-konkluzzjonijiet ta' l-istess tekniku, mhux il-kaz li dawna jigu disturbati u ghalhekk il-Qorti toqghod fuq dawn il-konkluzzjonijiet li taghmilhom ilkoll taghha.

Ghalhekk mill-ilmenti kollha li ghamel il-konvenut bhalma diga nghad, l-unika wahda gustifikata kienet it-tieqa ta' l-intrata li ghandha l-paranti mhux indaqs. It-tekniku kkonkluda li dina ma kienetx skond l-arti u s-sengha. Ghalhekk minhabba dan l-ilment il-Qorti jidhrilha illi ghandu jkun hemm temperament fl-ammont mitlub mill-attur. Peress illi t-Tekniku ma ssuggeriex kemm kellu jkun dan it-temperament, il-Qorti *arbitrio bono viri* tiddeciedi illi

dan it-temperament ghandu jkun fl-ammont ta' hamsa u sittin lira (Lm65.00) [vide fol 36 relazzjoni]. Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tilqa' t-talba ta' l-attur b'dak it-temperament kif inghad.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallsu l-ammont ta' tlett mija u hamsa u tletin lira (Lm335.00) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti appalt konsistenti f'xoghol ta' njam ezegwit mill-attur fil-plot 171 Triq l-Imsagar, Attard, fuq istruzzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg